MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 370/2011

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 3133/11 fl-ismijiet:**

**Silvio Busuttil (I.D. Card Nru. 33754M) u Rita Busuttil (I.D. Card Nru. 499357M)**

**Vs**

**Motor Test Services Ltd (C-25190) u Anna Busuttil (I.D. Card Nru. 75456M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat fl-1 ta' Novembru 2011, permezz ta' liema Anna Maria Busuttil u s-socjetà Motor Test Services Ltd. jitolbu li l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-hrug tal-kontro-mandat opportun ghall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 3133/11 fl-ismijiet "Silvio Busuttil et v. Motor Test Services Ltd. et", bl-ispejjez kontra Silvio Busuttil u Rita Busuttil, u rat il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-

Numru 3133/11 fl-ismijiet “Silvio Busuttil et v. Motor Test Services Ltd et” anness mar-Rikors promotur;

Rat id-Digriet datat 31 ta’ Ottubru 2011 bis-sahha ta’ liema gie ordnat li r-Rikors jigi notifikat lil Silvio Busuttil u Rita Busuttil b’sebat (7) ijiem ghar-Risposta u r-Rikors gie appuntat ghas-smigh ghall-15 ta’ Novembru 2011 fis-1:00p.m.;

Rat illi Silvio Busuttil u Rita Busuttil gew notifikati fis-16 ta’ Novembru 2011 u rat illi giet pprezentata Risposta fil-25 ta’ Novembru 2011;

Rat ir-Risposta ta’ l-intimati Busuttil permezz ta’ liema jopponu ghat-talba tar-Rikorrenti stante li jekk jitnehha l-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3133/11 il-pretensjonijiet taghhom fil-konfront tar-Rikorrenti ma jkunux debitament kawtelati;

Rat illi nzammu seduti fil-15 ta’ Novembru 2011, fil-21 ta’ Novembru 2011, fl-1 ta’ Dicembru 2011 u fil-5 ta’ Dicembru 2011;

Semghet ix-xhieda moghtija minn Anna Maria Busuttil waqt is-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2011;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Fil-25 ta’ Ottubru 2011 Silvio Busuttil u Rita Busuttil talbu w ottjenew, b’Digriet datat 26 ta’ Ottubru 2011, il-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3133/11 kontra s-socjetà Motor Test Services Ltd. u Anna Busuttil, in kawtela tas-somma ta’ €7,187.00 rapprezentanti servizzi professjonali ta’ *accountancy, audit, taxation* u xoghol segretarjali u fiducarju rezi lilhom, bl-imghax legali u l-ispejjez giudizzjarji riservati.

Bil-procedura odjerna r-Rikorrenti Anna Maria Busuttil u s-socjetà Motor Test Services Limited jitolbu r-revoka ta’ l-imsemmi Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju fil-konfront

taghhom u l-hrug tad-debitu kontro-mandat ai termini ta' dak provdut fl-Artikolu 836(1)(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia ghaliex *hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug ta' l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija tista' ghas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni*.

Mir-Rikors promotur jirrizulta li r-Rikorrenti jibbazaw it-talba taghhom ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtealtorju bin-Numru 3133/11 fuq il-fatt li kontestwalment mal-hrug ta' l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju l-intimati Busuttil talbu w ottjenew kontra taghhom il-hrug ta' Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 3132/11 li b'effett tieghu *gew maqbuda numru ta' oggetti konsistenti f'ghamara ta' valur gholi u anke makkinarju sofistikat tas-socjetà esponenti. Illi l-oggetti maqbuda jissuperaw l-ammont li r-rikorrenti* [ossia Busuttil] *qed jippretendu*[1]*. Tajjeb li jinghad li l-esponenti qed jikkontestaw li huma ghandhom ihallsu l-ammonti pretizi.*

Mill-atti tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 3132/11 – allegati ma' l-atti ta' dawn il-proceduri b'ordni tal-Qorti – jirrizulta li l-imsemmi mandat ukoll inhareg kontra r-Rikorrenti odjerni in kawtela tas-somma ta' €7,187.00 rapprezentanti servizzi professjonali ta' *accountancy, audit, taxation* u xoghol segretarjali u fiducarju rezi lilhom, bl-imghax legali u l-ispejjez giudizzjarji riservati, u bis-sahha tieghu gew maqbuda diversi oggetti fosthom, makkinarju mill-indirizz Nru. 50, Qasam Industrijali, Luqa, u ghamara u oggetti ohra tad-dar mill-fond Nru.18 "Ta' Giovanna", Triq Egrett Isfar, Luqa.

Fir-rigward tal-makkinarju maqbud bis-sahha tal-Mandat ta' Qbid, u senjatament taz-zewg *test lanes* li bihom isiru t-testijiet tal-VRT fuq vetturi u trukkijiet, ir-Rikorrenti Anna Maria Busuttil xehedet illi *b'dan il-Mandat ta' Qbid gew maqbuda zewg test lanes: wahda li tintuza ghall-karozzi u*

[1] Sottolinear tal-Qorti.

*light commercial vehicles, u ohra li tintuza ghal heavy vehicles. B'dan it-test lanes isiru testijiet tal-VRT. Dawn it-test lanes jiena kont xtrajthom fis-sena 2000. Dawn iz-zewg test lanes jiena kont xtrajthom it-tnejn li hua ghall-valur ta' Lm75,000. Minn fuqhom dawn isofru depreciation ta' qisu 10% kull sena*[2]*.* Kalkolu tad-deprezzament ta' dawn it-*test lanes* kif imfisser mir-Rikorrenti Anna Maria Busuttil jwassal ghall-konkluzzjoni li skond ir-Rikorrenti l-valur komplessiv ta' dawn iz-zewg *test lanes* illum huwa ta' madwar €55,662.23 (ekwivalenti ghal Lm23,895.79) u b'hekk sufficjenti biex jikkawtela l-pretensjoni ta' l-intimati Busuttil fil-konfront taghhom.

Dak affermat mir-Rikorrenti dwar il-fatt li l-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju bin-Numru 3132/11 jikkostitwixxi garanzija adegwata ghall-pretensjoni ta' l-intimati Busuttil fil-konfront taghhom – ammontanti ghal €7,187.00 – partikolarment billi bis-sahha tieghu gew, fost oggetti ohra, maqbuda zewg *test lanes* li llum jiswew madwar €55,662.23, ma giex kontradett mill-intimati Busuttil peress illi ghalkemm giet ipprezentata Risposta – dwar liema il-Qorti ser taghmel osservazzjonijiet ulterjuri iktar 'l quddiem f'dan id-Digriet – in opposizzjoni ghat-talba tar-Rikorrenti, l-intimati Busuttil la qatt dehru quddiem il-Qorti u lanqas resqu prova li sodisfacentement tirribatti u xxejjen dak pretiz mir-Rikorrenti.

Il-Qorti tosserva li apparte l-fatt li l-intimati Busuttil qatt ma dehru quddiemHa u ma ressqux provi in sostenn tal-posizzjoni taghhom u kontra t-talba tar-Rikorrenti, ir-Risposta taghhom hija tardiva peress illi ghalkemm huma gew notifikati bir-Rikors promotur fis-16 ta' Novembru 2011 u kellhom sebat (7) ijiem ghar-Risposta, ir-Risposta giet effettivament ipprezentata fil-**25 ta' Novembru 2011**, u cioè jumejn tard.

Mix-xhieda tar-Rikorrenti Anna Maria Busuttil waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011, jirrizulta fattur iehor li fil-fehma tal-Qorti huwa importanti ghall-ezitu ta' dawn il-proceduri u cioè, il-fatt li in segwitu ghall-Mandat ta'

---

[2] Sottolinear tal-Qorti.

Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3133/11 gew depozitati flus taht l-Awtorità tal-Qorti.

Mill-atti tac-Cedola ta’ Depozitu bin-Numru 2532/11 – allegati ma’ l-atti ta’ dawn il-proceduri b’ordni tal-Qorti – jirrizulta li fil-15 ta’ Novembru 2011 is-socjetà Bank of Valletta p.l.c. iddepozitat taht l-Awtorità tal-Qorti *s-somma ta’ sitt elef u tlieta u disghin Ewro u seba’ centezmi (€6,093.07) li flimkien mal-mija u tnejn u hamsin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€152.27) spejjez u drittijiet ta’ din il-procedura jiffurmaw is-somma ta’ sitt elef, mitejn u hamsa u erbghin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€6,245.34)*.

Ghalhekk jirrizulta li bl-effetti tal-Mandat ta’ Qbid Kawtelatorju bin-Numru 3132/11 u bic-Cedola ta’ Depozitu bin-Numru 2532/11, il-pretensjonijiet ta’ l-intimati Busuttil kontra r-Rikorrenti jinsabu adegwatament kawtelati u garantiti u b’hekk it-talba tar-Rikorrenti ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3133/11 a tenur ta’ l-Artikolu 836(1)(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-hrug tal-kontro-mandat opportun hija gustifikata u tisthoqq li tigi milqugha.

Il-Qorti tosserva li ghalkemm ir-Rikorrenti Anna Maria Busuttil xehedet illi *wara Busuttil kien ghamel ittra ufficjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A fil-konfront tieghi u fil-fatt jiena kont irrispondejt fejn qed jikkontesta l-pretensjoni. Wara dak dik l-ittra ufficjali ma giet ipprezentata l-ebda kawza min-naha ta’ Busuttil fil-konfront tieghi u tas-socjetà rikorrenti,* jirrizulta li bhala fatt l-intimati Busuttil istitwew azzjoni kontra r-Rikorrenti li però ghadha mhux appuntata u b’hekk lanqas notifikata lir-Rikorrenti. Fid-dawl ta’ dan ghalhekk, ghalkemm it-talba tar-Rikorrenti ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru bin-Numru 3133/11 u l-konsegwenti hrug tal-kontro-mandat opportun tisthoqq li tigi milqugha, l-effetti tac-Cedola ta’ Depozitu bin-Numru 2532/11 ghandhom, ghall-inqas ghal issa, jibqghu impregudikati.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi r-Rikors ipprezentat mir-Rikorrenti fl-1 ta’ Novembru 2011, billi tilqa’ t-talba taghhom u a tenur ta’ l-Artikolu 836(1)(c) tal-

Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta tirrevoka l-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3133/11 fl-ismijiet “Silvio Busuttil et v. Motor Test Services Limited et” mahrug kontra r-Rikorrenti fis-26 ta’ Ottubru 2011, u tordna l-hrug tal-kontro-mandat relattiv, b’dana però li ghall-inqas ghal issa, l-effetti tac-Cedola ta’ Depozitu bin-Numru 2532/11 jibqghu impregudikati.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta’ l-intimati Busuttil.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------